Kunsill Lokali Żejtun
'Dar iż-Żwieten', 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN Città Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Seduta** 04/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013
**Data** 04/04/2013 fis-6.20pm
**Post** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

**Attendenza**

| | |
|---|---|
| Sindku Joe Attard | Preżenti |
| Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| Amanda Abela | Skużata minħabba safar |
| Joan Agius | Preżenti |
| Claude Camilleri | Preżenti |
| Raymond Caruana | Preżenti |
| Sean Chircop | Preżenti |
| Stephania Fenech | Preżenti mis-6.35pm |
| Joseph Hales | Preżenti |

**Preżenti wkoll**
Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon
Assistent Prinċipal Caroline Schembri

**04. 1. Aċċettazzjoni tal-Kariga tas-Sindku u l-Viċi-Sindku**

| Referenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | | Is-Sindku, is-Sur Joe Attard ħa l-ġurament u qara l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Carlson. Il-ġurament ġie iffirmat mis-Sindku u l-Kummissarju tal-Ġustizzja. Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta l-laple badge tas-Sindki u l-insigna lis-Sindku. | |
| 04. 1. 2 | | | Il-Viċi-Sindku Maria Dolores Abela ħadet il-gurament u qrat l-aċċettazzjoni tal-kariga ta' Viċi-Sindku fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr Carlson. Il-ġurament ġie iffirmat mill-Viċi-Sindku u l-Kummissarju tal-Ġustizzja. | |

**04. 2. Messaġġ tas-Sindku**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | | Sindku | Is-Sindku fetaħ il-messaġġ tiegħu lill-pubbliku billi qal li dan huwa is-7 Kunsill kif elett f'Marzu li għadda. Hu ilu Sindku għal dawn l-aħħar 17 -il sena iġifieri mill-1996. Huwa ta merħba lill-Kunsill il-ġdid, kemm lil dawk il-membri li servew fil-Kunsill preċedenti u kemm lill-kunsilliera il-ġodda li ġew eletti għall-ewwel darba. Is-Sindku qal li n-nies jgħidu li l-Kunsill taż-Żejtun kien wieħed ta' suċċess u dan grazzi għall-ħidma tal-Kunsill, tar-residenti, tas-Segretarju Ezekuttiv u l-istaff kemm klerikali u kemm dak manwali. Is-Sindku qal li ż-Żwieten huma nies ta' karattru li ma jdejjqux lin-nies. | |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 2. 2 | | Is-Sindku spjega li l-Kunsill Lokali ta' Malta u Għawdex qed jaffaċċjaw problema ta' falliment. Huwa spjega l-problema finanzjarja tal-Kunsilli Lokali peress li fejn kien jitħabbar il-baġit u l-prezzijiet jibqgħu l-istess tul dik is-sena sħiħa, issa jitħabbar il-baġit il-kunsilli lokali jingħataw żieda fl-allokazzjoni li din tittikel mill-ewwel minħabba l-prezzijiet ivarjaw sena sħiħa. Bħala Kunsill Lokali, il-Kunsill taż-Żejtun japplika għal kull proġett li joħroġ il-Gvern Ċentrali minn żmien għal żmien. Is-Sindku semma l-iskema tal-PPP fejn inħarġet is-sejħa u tlestiet l-ewwel batch ta' toroq. S'issa l-kuntrattur tħallas 60%,l-40% ser jitħallsu fis-sitt snin li ġejjin. Il-Kunsill kien ħejja batch ieħor ta' toroq li sfortunantement ma sabx kuntrattur li jrid jitħallas fuq bażi ta' tmien snin. | |
| 04. 2. 3 | | Is-Sindku qal li l-allokkazzjoni mogħtija lill-Kunsill mill-Gvern Ċentrali għandha Eur100,000 inqas fis-sena. Biss biss l-amminstrazzjoni lanqas tlaħħaq għal pagi. Biex jagħmel tajjeb, il-Kunsill jaħdem b'mod kawt fuq il-kuntratti. Din hi is-sitwazzjoni tal-Kunsilli Lokali kollha.<br><br>Huwa wiegħed li ser jaħdem għaż-Żwieten flimkien mal-kunsilliera tul dawn l-erba' snin. Huwa qal li j'alla jkun ta' risq għall-għaqdiet, awtoritajiet u liż-Żwieten kollha. | |

**04. 3.** **Rapporti u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 04. 3. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Camilleri | **Il-minuti 03/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| 04. 3. 1 i | 03.2.1 | Minflok il-kelma 'triq', tidħol il-kelma 'sqaq'. | | |
| 04. 3. 1 ii | 03.2.3 | Minflok il-kelma 'ma' tidħol il-kelma 'faċċata'. | | |
| 04. 3. 2 i | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |
| 04. 3. 3 i | 03.2.1 | Sindku: Ħsara fuq vettura fi Sqaq San Anard | Il-Kunsilliera esprimew il-perplessita' fuq dan il-każ peress li f'dan l-isqaq ma jidħlux vetturi. Għaldaqstant ser issir spezzjoni fuq il-post. Agius issuġeriet li jintalab ir-rapport tal-pulizija flimkien mar-ritratti li juru l-ħsara tal-vettura. Dawn ser jintalbu lill-Aġenzija Untours. | |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 3. | 3 | ii | 03.2.2 | Caruana: Pelican Lights fi Triq A Cachia Zammit | Il-Kunsillier Caruana talab biex issir talba għal pelican lights minflok zebra crossing biss fi Triq A Cachia Zammit qrib Triq Salvu Cacciattolo. Is-Sindku spjega li din it-talba ilha li saret is-snin. Issa hemm tama li b'amministrazzjoni ġdida din issir. Għalhekk ser issir pjanta bil-perit għal din is-sottomissjoni. Caruana talab ukoll sabiex Triq Salvu Cacciattolo u Triq il-Ħaddara jsiru one way kontra xulxin. Is-Sindku spjega li din ser tiddaħħal fil-pjanta u s-sottomissjoni quddiem TM. | Sindku |
| 04. | 3. | 3 | iii | 03.2.3 | Sindku: Beland Band Club Billboards | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-billboards ta' l-Għaqda Mużikali Beland twaħħlu. Is-Sindku spjega li kellu talba miż-Żejtun Band għal twaħħil ta' billboards. Infatti diga' twaħħal billboard fejn l-iskola primarja. | |
| 04. | 3. | 3 | iv | 03.2.4 | Caruana: Bankina fi Triq Lvant | Il-Kunsillier Caruana qal li l-problema eżistenti f'din it-triq huwa l-ipparkjar ta' vetturi faċċata tal-bankina bil-konsegwenza li l-karozzi li jkunu għaddejjin ikollhom jitilgħu l-bankina għax inkella l-vettura toqros it-tyres. Għaldaqstant **il-Kunsill qabel li għandhom isiru yellow lines sabiex ma jsirx parkeġġ.** | Sindku |
| 04. | 3. | 3 | v | 03.3.6 | Agius: Treasure Hunt | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li t-treasure hunt li kellha issir f'Jum iż-Żejtun ma saritx minħaba l-funeral ta' ħu s-Sindku. F'isem il-Kunsill hi waslet il-kondoljanzi lis-Sindku u lill-familja tiegħu. | Agius |
| 04. | 3. | 3 | vi | 03.4.1 | Sindku: Xogħol tad-drenaġġ fi Triq Strejnu | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-fergħa tad-drenaġġ fi Triq Strejnu saret. Issa jmiss lir-residenti jagħmlu l-connection. Inkitbet ittra lill-Onor Conrad Mizzi dwar id-drenaġġ fi Triq Xrobb l-Għagin li skond KSI ma jistax isir minħabba nuqqas ta' fondi. | Sindku |
| 04. | 3. | 3 | vii | 03.4.3 | Fenech: Attivita Sportiva fi skola f'Santa Luċija | Peress li l-attivita' proposta mill-iskola ta' Santa Luċija tinsab fil-qrib ħafna, is-Sindku talab lill-kunsilliera Fenech sabiex tagħmel kuntatt mal-Kap ta' l-iskola sabiex tara kif il-Kunsill jista' jgħin u x'kontribut jista' jagħti. | Fenech |
| 04. | 3. | 3 | viii | 03.4.4 | Agius: Ex kunsilliera Elizabeth Wille Piscopo | **Il-Kunsil qabel li jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-ex kunsilliera Elizabeth Wille Piscopo u jiġi ppreżentat momento ta' tifkira waqt attivita' tal-Kunsill Lokali.** | Segretarjat |

**04. 4. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML04/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 1 | 01 | MEPA: PA00946/13 | **Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-MEPA sabiex jingħata aktar tagħrif dwar il-class number tal-ħanut u dwar l-indirizz peress li dan jista' jkun ħażin.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 4. 2 | 02 | MEPA: Urban improvement Fund | Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-ġimgħa ġie iffirmat ftehim ieħor mal-MEPA ta' l-Urban Improvement Fund. Bil-flus li ser jingħataw ser issir il-jogging track fi Ġnien San Girgor biswit ic-Child Day Care Centre. | Sindku |
| 04. 4. 3 | 09 | TM: Triq Nikol Attard | **Wara l-permess li l-Kunsill ingħata minn TM, il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu 2 no heavy vehicles entry signs, fi Triq Nikol Attard biex ma jsirx la dħul u lanqas ħruġ ta' din it-tip ta' vettura.** | Sindku |
| 04. 4. 4 | 13 | Segretarjat KL Żejtun: Rimi ta' oġġetti propjeta' tal-Kunsill | **Il-Kunsill approva ir-rimi ta' CD player, 2 monitors u 3 computer towers.** | Segretarjat |
| 04. 4. 5 | 15 | Paragon Europe: Survey dwar water leakages | Il-Kunsill inkariga lill-kunsilliera Fenech sabiex issegwi l-korrispondenza ta' Paragone Europe dwar water leakages. | Fenech |
| 04. 4. 6 | 16 | Avv Joanne Vella Cuschieri: Ħsara fuq vettura fi Sqaq San Anard | Ara nota 04.3.3.1 | |
| 04. 4. 7 | 17 | Għaqda Maltija tal-Ortikultura: The Great Spring Show | Is-Sindku inkariga lill-kunsilliera Agius sabiex issegwi korrispondenza ta' l-Għaqda Maltija ta' l-Ortikulutra. | Agius |
| 04. 4. 8 | 22 | MEPA:PA953/13 | **Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat għal iktar informazzjoni dwar dan l-iżvilupp.** | Segretarjat |

**04. 5. Ħlasijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 5. 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 03/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |
| 04. 5. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 03/13 | **Il-Kunsill approva nem.con il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 03/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 04. 5. 3 | | Talbiet għal Xiri 03/13 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |
| 04. 5. 4 | | Petty Cash - Frar 2013 | **Il-Kunsill approva l-petty cash għax-xahar ta' Frar 2013 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur117.22.** | Segretarjat |
| 04. 5. 5 | | Petty Cash - Marzu 2013 | **Il-Kunsill approva l-petty cash għax-xahar ta' Marzu 2013 hekk kif preżentat u kien jammonta għal Eur196.44.** | Segretarjat |

**04. 6.** **Update dwar xogħlijiet**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 6. 1 | | Sindku: Proġett Kappella sa kappella | Is-Sindku spjega li l-proġett minn kappella sa kappella, iġifieri mill-kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Tmin sal-kappella ta' San Niklaw, huwa żvilupp ta' żona rurali. It-tielet fażi ta' dan il-proġett huma l-isqaqien nri 3 u 5 fejn hemm l-azjendi tal-baqar. Għal dan l-iżvilupp hemm allokati biss Eur30,000. Is-Sindku qara l-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mill-Korporazzjoni Enemalta dwar it-traposrt ta' 2 tons cable u slabs li jammonta għal Eur5,640 meta l-Kunsill ser iħallas għas-'civil works' u l-Enemalta tipprovdi l-cables. | Sindku |
| 04. 6. 2 | | Sindku: Madum u għamara - KL Żejtun | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jibda xogħol fuq it-tibdil ta' madum fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali. Dan ser jiswa madwar Eur9,000. Inġabet stima sabiex tiġi restawrata l-pittura li hemm fil-bini ta' l-uffiċċji tal-Kunsill, liema stima laħqet is-somma ta' Eur12,000. Ser nippruvaw insibu l-għajnuna ta' heritage Malta, iżda jekk le, ser tinħareġ sejħa għall-offerti. **Il-Kunsill qabel li ssir ukoll għamara ġdida fis-sala tal-Kunsill Lokali.** | |

**04. 7.** **Programm ta' Ħidma**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 7. 1 | | Sindku: Dekasteri | Is-Sindku qasam lill-kunsilliera, id-dekasteri hekk kif imfassla minnu stess. | |
| 04. 7. 2 | | Sindku: Sejħa għal Segretarju u Awditur Gal Xlokk | Is-Sindku iforrma lill-Kunsill li bħalissa il-Gal Xlokk ħareġ sejħa għal Segretarju u Awditur, liema sejħiet jagħlqu fit-12 ta' April. Huwa ħeġġeġ lill-kunsilliera biex jekk jafu b'xi ħadd li jikkwalifika, iħeġġuh japplika. | |

**04. 8.** **Child Day Care Centre - Expression of Interest**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 1 | | Agius: Kunflitt ta' interess | Il-Kunsilliera Agius qamet minn mal-mejda tal-Kunsill wara li ddikjarat il-kunflitt ta' interess peress li l-offerent hija oħtha. | |
| 04. 8. 2 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku informa lill-Kunsill li inġabru żewġ expression of interest iżda sad-data ta' l-għeluq intefgħet waħda biss mingħand is-Sinjura Anna Poque. Fl-offerta intefgħu żewġ għazliet: waħda li ċ-ċentru jiftaħ 8 sigħat u l-Kunsill ikollu b'mod garantit għotja ta' Eur21,000 fis-sena filwaqt li jekk iċ-ċentru tat-tfal jiftaħ għal 12-il siegħa kuljum, l-offerent jigarantixxi għotja ta' Eur58,000 fis-sena, wara li jinqatgħu l-ispejjeż. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 04. 8. 3 | | | Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill qabel li għandu jniżżel dawn il-kundizzjoni li ġejjin: għandha tingħata preferenza lit-tfal Żwieten, issir spezzjoni mingħajr avviż għal għarrieda mill-Kunsill, ir-responsabblita' kollha inkluż dik legali tkun tas-Sinjura Anna Poque, għandha issir polza ta' assikurazzjoni li tkopri t-tfal u l-impjegati, il-Kunsill għandu jingħata 3 xhur notice f'każ li s-Sinjura Poque ma tkunx ser tibqa' tmexxi dan iċ-ċentru u li l-kuntratt ikun għal 3 snin. | |

**04. 9.** **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 9 1 | | Caruana: Parking bays quddiem Ta Ganza Shopping Centre | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex isiru l-parking bays quddiem Ta' Ganza Shopping Centre. Is-Sindku spejga li l-ewwel trid issir il-pjazza ta' quddiem. | Sindku |
| 04. 9 2 | | Viċi-Sindku: Zebra Crossing fi Triq l-Isqof Emm Galea | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir zebra crossing fi Triq l-Isqof Emm.Galea. Is-Segretarju spjega li din it-talba diġa' saret quddiem TM u ġiet rifjutata. | Sindku |
| 04. 9 3 | | Hales: Mozzjoni dwar kiosks fi Triq il-Ħelsien | Is-Sindku informa lill-Kunsill li din il-mozzjoni ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. | |
| 04. 9 4 | | Fenech: Yellow lines fi Triq il-~~Marrubja~~ Faqqus | Il-Kunsilliera Fenech ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill, ilment ta' resident li joqgħod fi Triq Marrubja sabiex isiru yellow lines f'din it-triq peress li fil-kantuniera jsir parkeġġ minn heavy vehicles. | Sindku |
| 04. 9 5 | | Fenech: Gaming shops | Fenech staqsiet jekk ġietx quddiem il-Kunsill korrispondenza mill-MEPA dwar il-ftuħ ta' gaming shop fi Triq Ħerba peress li dan jinsab qrib ta' mużew. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien oġġezzjona mal-MEPA iżda xorta waħda ħareġ il-permess. | |
| 04. 9 6 | | Hales: Aġenda tal-Kunsill | Il-Kunsillier staqsa fejn tintbagħat l-aġenda tal-Kunsill. Is-Segretarjat spjega li din tinbagħat press realease flimkien lill-każini politiċi u l-każini tal-banda. Din titwaħħal fin-noticeboards li l-Kunsill għandu madwar il-lokalita'. Is-Sindku inkariga lill-Kunsillier Caruana min-noticeboards tal-Kunsill. **Il-Kunsill qabel li għandu jsir avviż fil-quddies.** Hawnhekk is-Sindku informa lill-kunsilliera l-ġodda li huma intitolati għal allowance ta' Eu100 fix-xahar liema allowance tkun imħallsa kull sitt xhur u tinqata' taxxa ta' 20%. Din l-allowance hi marbuta ma' l-attendenza tal-laqgħat tal-Kunsill. | Segretarjat |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 04. 9 7 | Hales: Tower crane fi Triq San Klement | Hales informa lill-Kunsill dwar tower crane li qed ikun ta' inkonvenjent fi Triq San Klement. Is-Sindku spjega li dan it-tower diġa' beda jiżżarma. | Sindku |
| 04. 9 8 | Caruana: Bozza perikoluża fi Triq Beland | Il-Kunsillier Caruana irraporta bozza fil-periklu li taqa fi Triq Beland quddiem bieb nru 41. | Sindku |
| 04. 9 9 | Caruana: Mirja tat-traffiku | Caruana talab sabiex issir mera fi Triq Bugħarbiel fejn il-barumbara minħabba xi garaxxijiet filwaqt li Fenech talbet sabiex issir mera fi Triq A. Cachia Zammit fejn il-building site. Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir mera fi Pjazza Palma li tkun tagħti għal Triq Sciortino. Dwar din ta' l-aħħar is-Sindku spjega li f'dan il-post diġa' twaħħlet u tkissret. | Sindku |
| 04. 9 10 | Camilleri: Mera mdawwra | Camilleri reġa' ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-mera mdawwra ta' Triq id-Daħla ta' San Tumas quddiem Triq il-Qadi. | Sindku |
| 04. 9 11 | Camilleri: Bankina fi Triq il-Madonna tal-Ħniena | Camilleri talab sabiex titneħħa biċċa mill-bankina fi Triq il-Madonna tal-Ħniena quddiem il-ħanut tat-tatoo. Is-Sindku spjega li din diġa' ġiet irrapurtat mill-Kunsilliera Agius u ser tittieħed azzjoni fil-jiem li ġejjin. | Sindku |
| 04. 9 12 | Camilleri: Parking spaces fi Triq Ħal Gwann | Camilleri informa lill-Kunsill li l-parking spaces huma kbar ħafna u hemm bżonn li jiġu mċekkna. Is-Sindku spjega li dawn il-parking bays kienu saru mill-MSD. | Sindku |
| 04. 9 13 | Proponent: Camilleri<br>Sekondant: Agius | **Il-Kunsill qabel li għas-Sajf jingħataw korsijiet tal-kompjuter mill-kumpanija TCTC bil-printing u distribution tal-leaflets isir mill-Kunsill Lokali. Ser jittella billboard bi promozzjoni tal-korsijiet bejn Mejju u Ġunju. L-applikanti ser iħallsu biss Eur10 tan-noti.** | Camilleri |
| 04. 9 14 | Camilleri: Un/loading bay | Camilleri talab sabiex is-sinjali tat-traffiku ta' un/loading tal-pet shop fi Triq San Girgor jiġu refreshed. Din it-talba ġiet milqugħa. Il-Kunsilliera Agius talbet ukoll għal refereshing ta' żebgħa quddiem 51 fi Triq Marsaxlokk. | Sindku |
| 04. 9 15 | Agius: Attivitajiet għal Jum l-Omm | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ser issir l-attivita ta' Jum l-Omm fit-8 ta' Mejju filwaqt li bejn l-10 u t-12 ta' Mejju ser isir weekend break għall-familja. | Agius |
| 04. 9 16 | Viċi-Sindku: Ħajt ta' sejjieħ f'Misraħ Marmenu Grima | Il-Viċi-Sindku irrapurtat ħajt tas-sejjieħ imwaqqa f'Misraħ Karmenu Grima. Is-Sindku spjega li dwar dan il-ħajt diġa' inkitbet korrispondenza lil TM. | Sindku |
| 04. 9 17 | Ħajt iċedi fi Ġnien tal-Kmandant | Ġie rrapurtat li parti mill-Ġnien tal-Kmandant qiegħed iċedi. Dwar dan nindagaw. | Sindku |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04. | 9 | 18 | Viċi-Sindku: Reserved parking fi Triq Sant'Antnin | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir ir-refreshing taż-żebgħa tar-reserved parking ta' Dar Nazzaret fi Triq Sant'Antnin. Din it-talba ġiet milqugħa. | Viċi-Sindku |
| 04. | 9 | 19 | Viċi-Sindku: Karozza Nru. 84 | Il-Viċi-Sindku talbet lill-Kunsill sabiex jitkellem ma' l-Arriva sabiex ir-rotta nru 84 tibda tgħaddi minn Raħal Ġdid peress li r-residenti ta' Ħal Tmiem mhumiex mogħqdija. Is-Sindku spjega li l-Kunsill preċedenti qatt ma aċċetta li r-rotta 84 ma tgħaddix minn Raħal Ġdid u baqa' jinsisti li dan isir kif ġie irrapurtat fl-aħħar ħarġa tal-magazine tal-Kunsill. | Hales |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.30pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar il-Ħamis 18 ta' April, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Sindku

Segretarju Eżekuttiv